

32007D0090

L 41/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

13.2.2007

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-12 ta' Frar 2007**

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/513/KE tal-11 ta' Lulju 2005 dwar l-użu armonizzat tal-ispettru tar-radju fil-medda ta' frekwenza tal-5 GHz għall-implimentazzjoni tas-Sistemi ta' Aċċess Bla Wajers inklużi n-Netwerks tar-Radju għaż-Żona Lokali (WAS/RLANs)

(notifikata bid-dokument C(2007) 269)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/90/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 676/2002/KE tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (id-Deċiżjoni dwar l-Ispettru tar-Radju)¹, u partikolarment l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

- (1) Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/513/KE tal-11 ta' Lulju 2005 dwar l-użu armonizzat tal-ispettru tar-radju fil-medda ta' frekwenza tal-5 GHz għall-implimentazzjoni tas-Sistemi ta' Aċċess Bla Wajers inklużi n-Netwerks tar-Radju għaż-Żona Lokali (WAS/RLANs)² investigazzjonijiet ulterjuri tal-parametri tekniċi ddefiniti f'din id-Deċiżjoni wrew li l-medja massima e.i.r.p. tal-limiti tad-densità fil-meded 5150-5250 MHz u 5250-5350 MHz tista' tiġi espressa b'mod li jiffaċilita sostanzjalment l-ittestjar tat-tagħmir skont l-ispeċifikazzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-11 ta' Lulju 2005. Il-formula l-għdida tal-parametri tekniċi għalhekk għandha tħaffef l-adozzjoni ta' dawn is-sistemi fl-UE.
- (2) Kemm l-ETSI u kemm is-CEPT ikkonfermaw li l-emenda ta' dawn il-parametri tekniċi ma tiddilx il-protezzjoni *vis à vis* is-servizzi l-oħra li għandha l-istess spettru bħal

¹ ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1.

² ĠU L 187, 19.7.20025, p. 22.

WAS/RLANs u li żżomm b'mod partikulari l-interferenza sħiħa mill-RLANs li topera fil-medda tal-frekwenza 5150-5350 MHz għal livell baxx biżżejjed sabiex l-interferenza fil-komunikazzjoni satellitari tiġi evitata.

- (3) L-Istandard Armonizzat għat-tagħmir RLAN bl-użu ta' meded 5 GHz li ġie adottat mill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekommunikazzjoni (ETSI) bin-numru EN 301 893 jikkunsidra din is-simplifikazzjoni tal-parametri tekniċi.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ispettru tar-Radju.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 2005/513/KE għandu jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 4

1. Fil-medda tal-frekwenza 5 150-5 350 MHz, WAS/RLANs għandu jkun limitat għall-użu ta' ġewwa biss b'medja massima e.i.r.p. ta' 200 Mw. Barra minn hekk, fil-medda ta' 5150-5350 MHz il-medja massima tad-densità e.i.r.p. għandha tkun limitata għal 10 mW/MHz fi kwalunkwe medda ta' 1 MHz.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni

Viviane REDING
Membru tal-Kummissjoni